MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2011

Numru. 956/2002

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR MARIO TONNA**

**KONTRA**

**MARIO BRINCAT ta' 35 sena, imwieled l-Ingilterra nhar il-21.02.1975, iben Anthony u Maria Concetta nee' Vella, residenti fil-fond Flat 3, Appartamenti Yacht Marina, Block 1, Triq ix-Xatt, Pieta', detentur tal-karta ta' l-identita' numru 125291M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **MARIO BRINCAT** li gie akkuzat talli nhar is-17 ta' Novembru, 2002 bejn il-5.30am u s-6.30am gewwa Triq Mikiel Anton Vassallo, Msida, u gewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizija gewwa l-Furjana:

1. Attakka jew ghamel vjolenza b'rezistenza jew hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuni nkarigati minn servizz pubbliku fil-waqt li kienu jesegwixxu l-esekuzzjoni tal-Ligi, u cioe' fuq il-persuni ta' l-Ispettur Mario Tonna, PS 909 P Buahagiar, PS 1373 J Camilleri, PS 1021 J Urpani, u PC 1074 u dan ai termini ta' l-Artikolu 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi, hebb sabiex jingurja jew hedded sabiex jaghmel offiza fuq persuni nkarigati minn servizz pubbliku, waqt li kienu fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz u cioe' fuq l-istess membri tal-pulizija msemmija fl-ewwel akkuza, kif ukoll fuq l-Ispettur Romina Veneziani gewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizija, il-Furjana, ai termini ta' l-Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess lok, data, hin, u cirkostanzi, imbotta lill-istess persuni msemmija fl-akkuzi ta' fuq, sabiex iweggaghhom jew jinsulentahom ai termini ta' l-Artikolu 339(l) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika ai termini ta' l-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. U aktar talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi, qal fil-pubbliku kliem oxxen li joffendi l-morali xierqa jew id-dicenza pubblika, ai termini ta' l-Artikolu 338(bb) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. U aktar talli fl-istess lok, data, hin, u cirkostanzi, ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita' jew ta' persuni ordnati minn servizz pubbliku jew ma halliehomx jew fixkel lill-ufficjali tal-Pulizija msemmija aktar 'il fuq li kienu qeghdin jaghmlu d-dmirijiet taghhom jew b'xi mod indahal f'xogholhom ai termini ta' l-Artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. U aktar talli fl-istess lok, data, u cirkostanzi, gewwa l-Imsida, saq vettura HAP 702 tal-ghamla Fiat Punto, saq l-istess vettura meta kien taht l-influwenza ta’ xorb alkoholiku jew droga, u barra minn dan irrifjuta li jaghmel it-test tan-nifs fuq il-post tal-incident, u meta gie mitlub sabiex jaghti l-kampjun tan-nifs gewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizija u dan meta gie mwissi fiz-zewg kazijiet li jekk jirrifjuta li jaghti dan il-kampjun tan-nifs dan jikkostitwixxi reat;

8. U aktar talli fl-istess lok, data u cirkostanzi, saq l-istess vettura msemmija b’manjiera traskurata, negligenti, u perikoluza;

9. U aktar talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi, b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew il-professjoni tieghu, jew b’nuqqas tat-tharis tar-regolamenti, ikkaguna hsara fuq vettura GVP 426 tal-ghamla Skoda ghad-dannu tal-Gvern ta’ Malta, u dan ai termini tal-Artikolu 328(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

10. U aktar talli fl-istess lok u bnadi ohra tal-Gzejjer ta’ Malta, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, zamm fil-vettura HAP 702 arma (harpoon) u dan ai termini tal-Artikolu 3 tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta’ Malta, u l-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

11. U aktar talli taht l-istess lok u cirkostanzi, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, kellu fil-pussess jew kontroll tieghu, jew f’idejh jew fuqu, xi arma (harpoon) barra minn fond jew post li jaghmel mieghu, u dan ai termini ta’ l-Artikolu 3(1)(A) tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta’ Malta, u l-Artikolu 18 tal-Kapitoilu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li fiz-zewg interrogatorji li saru, l-imputat wiegeb illi ma kienx hati ta’ l-akkuzi migjuba kontra tieghu;

Rat l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali, u cioe’:

a. L-Artikolu 96 tal-Kodici Kriminali;
b. L-Artikolu 95 tal-Kodici Kriminali;

c. L-Artikolu 339(1)(l) tal-Kodici Kriminali;
d. L-Artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali;
e. L-Artikolu 338(bb) tal-Kodici Kriminali;
f. L-Artikolu 338(ee) tal-Kodici Kriminali;
g. L-Artikolu 15A tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
h. L-Artikolu 15B tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
i. L-Artikolu 15D(b) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
j. L-Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
k. L-Artikolu 328 (d) tal-Kodici Kriminali;
l. L-Artikolu 18 tal-Kodici Kriminali u l-Artikolu 3(1) tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta;
m. L-Artikolu 18 tal-Kodici Kriminali u l-Artikolu 3(1A) tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ukoll illi l-imputat, moqrija l-Artikoli, ta l-kunsens tieghu ghal proceduri sommarji (folio 120);

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi l-Ispettur Mario Tonna xehed illi mar jaghti assistenza fir-rigward ta' vettura tal-pulizija nvoluta f'kollizjoni. Iddeskriva li l-vettura tal-pulizija kienet fil-fatt qieghda taghlaq parti mit-triq minhabba ncident stradali precedenti. Qal illi mal-vettura kien hemm zewg pulizija, PS 1373 u PS 909, u li anke kellha l-lights mixghula. Spjega li gol-vettura tal-pulizija kien hemm mahbuta vettura bin-numru HAP 702, go fiha kien hemm bil-qieghda l-imputat, Mario Brincat. Xehed illi rrifjuta li jaghtih il-particulars, nonostante li kien identifika lilu nnifsu. Mat-tieni darba li talbu dan wiegbu b'mod baxx (folio 26). Fuq ordni ta' l-Ispettur Mario Tonna saret tfittxija fil-vettura ta' l-imputat - hemm instab harpoon. Waslu anke fuq il-post tal-Mobile ghaliex lill-imputat, li kien qieghed jimxi mxengel, inhasset il-htiega li jsirlu l-breathiliser test. Gie moghti t-twissija ghal hekk. Anke hawn l-imputat wiegeb b'mod ribelluz u

sahansitra anke mbotta lill-pulizija. Aktar tard l-istess xhud ha stqarrija lill-imputat.

L-imputat anke ffirma dikjarazzjoni ma' l-istess Spettur Mario Tonna li kellu jaghmel tajjeb ghad-danni sofferti mill-vettura tal-pulizija, Dok MT2. Ipprezenta wkoll Dok MT5, dokumenti li juri li l-imputat ma kellu ebda licenzja biex izomm jew ikollu fil-pusses tieghu ebda arma. Dok MT6 hija l-istima tal-hsara sofferta mill-vettura tal-Pulizija.

L-Ispettur Romina Veneziani xehdet illi darba li l-imputat ingab id-Depot irrifjuta li jaghmel breathilizer test, oltre dan kien aggressiv u qal kliem oxxen.

PS 909 Paul Buhagiar xehed illi darba li wasal fuq l-incident stradali, halla vettura tal-Pulizija taghlaq it-triq, gialadarba anke waqa' arblu tad-dawl. Qal illi kien hawn, cioe' meta t-triq kienet maghluqa, li sema' break qawwi u ra l-vettura HAP 702 tidhol head-on gol-bieba tal-vettura tal-Pulizija. Din kienet misjuqa mill-imputat. Ipprova jkellmu u jiftahlu l-bieba, l-imputat kellmu hazin. Irrifjuta anke li johrog minn gol-vettura. Darba li gew anke tal-Mobile fuq il-post, l-imputat imbotta lix-xhud u lis-Surgent Urpani. Beda anke jkellimhom hazin. Ikkonferma li fil-vettura ta' l-imputat instab harpoon.

PS 1373 John Micallef xehed ukoll fuq il-kollizjoni li halliet arblu tad-dawl ma' l-art. Ghalqu t-triq bil-vettura taghhom li kellhka anke l-hazard lights mixghula. Habtet karozza gol-vettura tal-Pulizija misjuqa mill-imputat, li mitkellem mill-pulizija ma riedx johrog mill-vettura. Ikkonferma d-diskors li beda jghid l-istess imputat, kif ukoll illi mbotta lis-Surgent 909 u lil Urpani, anke li nstab harpoon gol-vettura tieghu. Xehed illi l-imputat irrifjuta li jaghtihom il-particulars, irrifjuta li jaghmel breathiliser test, kif ukoll xehed li kellu xi jghid ma' l-Ispettur Veneziani.

PS 1021 Joseph Urpani xehed u qal illi hu kien imsejjah biex jaghmel breathiliser testd fir-rigward ta' sewwieq ta' karozza mahbuta. Xehed illi anke rega' rrifjuta l-istess breathiliser test ta' god-Depot li kienet ser tmexxi l-Ispettur Veneziani.

PC 1074 Luke Stivala wkoll xehed illi kien imsejjah ghall-breathiliser test fuq Mario Brincat li kien ix-xufier ta' karozza mahbuta. Wara search f'din il-vettura sabulu harpoon. Qal ukoll illi Brincat irrifjuta li jaghmel breathiliser test.

Giet prezentata wkoll l-istqarrija rilaxxata mill-imputat fejn qal li l-karozza li habat fiha ma kienx raha, dan nonostante li ammetta li din il-vettura kellha l-beacon u hazard lights mixghula. Qal illi kien xorob xi sebgha whiskey. Innega li huwa kellem hazin lill-pulizija bil-frazi lilu ndikata. Qal illi ma riedx jaghti l-particulars ghaliex ra li kollox kien gej kontra tieghu u oltre dan ghax ried ikellem lill-Avukat tieghu. Tkellem fuq problemi personali, li ppanikja, u li ghalhekk irrifjuta l-breathiliser. Innega li kellem hazin lill-Ispettura.

Xehed ukoll l-imputat minn jeddu. Spjega li hu bhala xoghol kien huwa suldat. Qal illi dakinhar ta' l-incident kellu argument mat-tfajla u fejn solitament ma jixrobx, ha xi nofs tuzzana whiskey. Spjega li kif kien sejjer lejn daru minn Regional Road fejn hemm nicca, it-triq fiha liwja u hemm kien hemm zewg karozzi tal-Pulizija. Kienu qeghdin jirrangaw xi arbli tad-dawl. Xehed illi ma rahomx ghaliex kienu ezatt fil-liwja. Muri l-sketch, a folio 29, qal illi fil-fatt fil-fehma tieghu fit-triq zewg karozzi hdejn xulxin ma kinux joqoghdu. Xehed illi hu ma rax il-karozzi tal-Pulizija minhabba l-liwja u barra minn hekk lanqas seta' jghaddi hu. Zied illi ma kienx ghaddej bi speed eccessiv. Qal illi meta habat gol-karozza gibdilha l-genb. Ammetta li meta marru l-Pulizija fil-bidu ma riedx johrog minn gol-karozza. Qal illi l-ewwel il-Pulizija kineu erbgha, umbaghad gew disgha, kif ukoll illi hu kien taht xokk u li ghalhekk ma riedx johrog minn gol-vettura. Qal illi kellu biza' (folio 65). Qal ukoll illi dan anke kien minhabba l-fatt illi hu kien ghamel rapport dwar l-Ufficjal Prosekutur, l-Ispettur Mario Tonna, lill-Kummissarju tal-Pulizija xi tlitt xhur qabel. Ghalhekk kif ra lill-Ispettur Tonna, qal li twerwer u li kienet gejja tieghu (folio 66). Qal li dan kien qieghed jghaddi z-zmien bih stante li talbu l-particulars li gia' kien jaf. Xehed li talbu

jcempel lill-fizzjal tax-xoghol. Qallu ha jcempel pero tah il-mobile bla battery.

Qal illi l-Ispettur anke kellmu b'mod indicenti. Zied jghid illi forsi hu gie arrestat ghax forsi ma kienx tahom il-particulars. Qal ukoll illi anke pprova ma jhalliehomx jarrestawh, li beda jnehhilhom idejhom, pero qal ukoll illi ma rrezistihomx (folio 67 – 68). Xehed illi meta mmanettjawh u dahhluh fil-karozza biex jiehduh id-Depot, lanqas kien jaf li kienu ser jaghmlulu l-breathiliser.

Dwar il-harpoon xehed illi dan kien zghir tal-lastiku u li ma kellux bullet u lanqas ponta. Kellu virga biss. Spjega li kien izommu mieghu biss ghax kien delettant tas-sajd. Ammetta li rrifjuta l-breathiliser. Qal illi ghamel hekk ghax kellu kollox kontrieh.

In kontro ezami xehed u baqa' nsistenti li fit-triq ma kinux joqoghdu zewg karozzi. Qal illi gibed iz-zewg karozzi tal-Pulizija meta fil-fatt gie nfurmat mill-Ufficjal Prosekutur li laqghat wahda. Innega li kellem hazin lill-pulizija, anzi qal illi anke llokkja l-bieba biss ghax kien taht xokk. Dwar li l-Ispettur hadlu l-mobile, fatt negat mill-Ispettur, wiegeb illi ma kienx sser joqghod jigdeb fuq cucati. Qal li ma kienx jiftakar li darba li hareg mill-karozza, baqa' jkellem hazin lill-pulizija. Ammetta issa li seta' tkellem hazin u li gideb xi wahda jew tnejn.

Indirizza lill-Qorti fis-sens li kull ma ghamel meta l-Pulizija marru biex jimmanettjawh kien li mbuttalhom idejhom. Ammetta wkoll illi forsi kellem hazin lll-Ispettura (folio 84).

Ammetta li kellem hazin lill-Ispettur Veneziani mhux ghax bezzghatu hi imma minhabba s-sitt pulizija li kellha maghha.

Aktar tard fix-xhieda tieghu, l-imputat ammetta li zbalja, li qatt ma zbalja u li qatt ma attakka lill-pulizija.

Ikkunsidrat:

Illi tibda din il-Qorti biex a priori tiddikkjara li l-ewwel akkuza migjuba kontra l-imputat certament ma gietxx pruvata. Ghalhekk jirrizulta b’mod ampju mill-provi li l-imputat kien verbalment vjolenti lejn il-pulizija, li anke mbuttahom, li rrezista l-arrest, li kellimhom baxx, anke fil-pubbliku, li m’obdniex l-ordnijiet lilu moghtija, li rrifjuta li jaghmel breathiliser test, li saq wara li xorob sitta – sebgha whiskey, li habat gol-vettura tal-pulizija, li garr harpoon ghal liema ma kellux permess, pero dawn l-azzjonijiet kollha certament pruvati mill-provi prodotti, nonostante li l-imputat xi drabi nnega dan, ma jwasslux ghall-ewwel akkuza.

L-azzjonijiet kollha ta’ Mario Brincat lejn il-pulizija ma jwasslux ghal dik il-vjolenza b’rezistenza u hebb, cioe’ ghal dak l-element ta’ aggressivita’ mehtieg biex jigi kostitwit dan ir-reat – ghalhekk Mario Brincat hu liberat minn dan. Minn naha l-ohra pero tqis l-akkuzi l-ohra kollha pruvati, u ghalhekk tqisu hati ta’ l-istess, u dan wara li rat l-Artikoli 95, 339(l), 339(dd), 338(bb), 338(ee), 328(d), ilkoll tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Artikoli 15, 15A, 15B, 15C, 15D, 15E, u 15H tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Artikoli 3, 3(1)(A) tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta’ Malta;
Rat ukoll l-Artikoli 17, 18, u 23 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Dwar il-piena rat ukoll il-fedina penali ta’ l-imputat, qieset illi l-imputat, anke jekk kundizzjonata, ghamel xi tip ta’ apologija kif ukoll li hallas id-danni minnu kawzati, ghalhekk tqis li m’ghandux ibaghti piena karcerarja efferttiva;
Rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u qieghda tikkundannah ghal piena karcerarja ta’ sitt(6) xhur sospizi ghal sena(1);
Tikkundannah ukoll ghal multa ta’ €1,200, kif ukoll ghas-sospensjoni milli jkollu jew izomm licenzji tas-sewqan ghal sitt(6) xhur;
Tornda wkoll il-konfiska tal-harpoon ezebit.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------